**15 ta' Settembru, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Gaetano Fabri

**Traffiku — Sewqan Perikoluż — Daqq tal-Horn.**

*Hu veru illi speed eċċessiv, waħdu, ma hux tabilfors sewqan perikoluż, imma hu veru wkoll illi speed eċċessiv, waħdu, jista', f'ċirkustanzi konkomitanti determinati, jikkostitwixxi sewqan perikoluż. U biex is-sewqan ikun perikoluż ma hux meħtieġ li jkun hemm perikolu attwali, imma hu biżżejjed li l-perikolu jkun potenzjali.*

*Sewqan bi speed eċċessiv fi trieq traffikuża, speċjalment ħdejn salib it-toroq, hu perikoluż, avvolja t-trieq tkun wiesgħa u dak il-mument ma kienx hemm traffiku ieħor; u ma jistgħax id-driver jallega bħala skuża favur tiegħu l-fatt li hu daqq il-horn.*

Il-Qorti:— Dan l-appell magħmul mill-imputat, jirrigwarda l-imputazzjoni ta' sewqan b'manjiera perikoluża, li tagħha sabitu ħati l-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta b'sentenza tagħha tas-6 ta' Awissu 1962, u kkundannatu għall-piena tal-multa ta' £5 u għas-sospensjoni tal-liċenzi għal żmien tliet xhur;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

L-imputat jammetti li kien qiegħed isuq bi speed eċċessiv, imma fir-rikors tal-appell hu jgħid testwalment:— "Il-fatt li l-esponent kien qiegħed isuq b'ġiri aktar milli jmissu, b'daqshekk hu ma kienx qed isuq b'manjiera perikoluża";

Din il-propożizzjoni tad-difiża teħtieġ kwalifikazzjoni. Minn naħa waħda, hu veru li speed eċċessiv, waħdu, mhux tabilfors ikun sewqan perikolus, imma, minn naħa l-oħra, hu wkoll veru li speed eċċessiv, waħdu, jista', f'ċirkustanzi konkomitanti determinati jikkostitwixxi sewqan perikolus. Ingħad korrettament fil-ġurisprudenza ngliża, akkolta minn

din il-Qorti fis-sentenzi ċitati 'infra":— "Excessive speed alone may constitute dangerous driving though it will not necessarily do so; the surrounding circumstances must be taken into account in deciding whether there is a danger to the public" (ara sentenzi tal-Qrati Ngliżi ċitati fl-Appell Krim. "Pul. vs. Sapiano", 23. I. 60, u "Pul. vs. Galea", 5. XI. 60; ara wkoll Crim. Law Review, Dec. 1961, pp. 835-836; u Davies, Law of Road Traffic, p. 135 et seq.);

L-argumenti 'in defensis" ma jipperswadux lill-ġudikant. Għax it-trieq tkun wiesgħa u fid-dritt, u fil-mument ma jkunx hemm traffiku ieħor, dan ma jfisserx li l-awtista jista' jittrasformaha f'pista tat-tiġrijiet; għaliex li-speed eċċessiv jinnewtralizza dak il-"margin of safety" tant neċessarju għal kull emerġenza li tista' tinqala'. F'dan il-każ, l-imputat kien fi trieq traffikuża, u dippjù qiegħed javviċina salib it-toroq, u f'kontinġenzi simili speed ta' erbgħejn mil fis-siegħa, ammess mill-istess imputat, huwa sewqan perikolus. Qal tajjeb Monsignor Janssen, D.D. fil-ktieb tiegħu ntitolat "May I drive as I please?" illi "one should be on one's guard against the intoxication of speed which is for many motorists a serious temptation" (p. 13);

Fil-fatt, l-imputat baqa' dieħel bla ebda ġustifikazzjoni ta' dinamika stradali ġo karrozza wieqfa. Però, mhux din iċ-ċirkustanza biss (għalkemm turi li l-imputat kien tilef il-padrunanza tal-car) hija indiċi ta' sewqan perikoluż; infatti, għall-finijiet ta' "dangerous driving", "potential danger without actual danger is sufficient" (ara K.B. 397 Kingman vs. Seager, 1938; ara wkoll Wilkinson (Road Traffic Prosecutions, pp. 50-51); u sewqan f'dik il-veloċità, in approssimazzjoni ta' kroċerija, kien qiegħed jikkrea perikolu potenzjali ta' nċidenti ferm aktar gravi. L-istat tat-traffiku jista' jitbiddel f'nofs sekonda;

Issemmiet ukoll iċ-ċirkustanza li l-imputat daqq il-horn; iżda d-daqq tal-horn ma jfisserx brevett ta' mpunità għal kull ma jista' jiġri minħabba sewqan perikoluż. Id-daqq tal-horn hu avviż regolamentari, relattiv għal sewqan leġittimu, u mhux ġustifikazzjoni ta' abbużi. Sfortunatament, hawn Malta, fl-idea ta' ħafna drivers, biżżejjed li wieħed idoqq il-horn, u mbagħad jista' isuq kif irid;

Għalhekk din il-Qorti tirritjeni, bħal l-Ewwel Qorti, li l-imputat saq b'manjiera perikoluża, meta saq bi speed ta' erbgħajn mil fis-sigħa fil-viċinanza ta' salib it-toroq u fit-trieq li fuqha mistenni li jkun hemm traffiku, bla ma hemm bżonn li jkun hemm 'actu";

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. It-terminu tas-sospensjoni jibda jgħodd mil-lum.